IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.3.2018
COM(2018) 250 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar il-progress tal-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

MT MT

1. INTRODUZZJONI

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni għadha tipprovdi qafas komprensiv għall-ħidma tal-UE dwar il-migrazzjoni. Qed tittieħed azzjoni fuq l-aspetti ta' ħidma ewlenin kollha tal-Aġenda iżda l-isfida migratorja u l-pressjoni għadhom kbar ħafna meta wieħed iqis il-fraġilità ġeopolitika u x-xejriet demografiċi u soċjoekonomiċi fit-tul tal-viċinat tal-Ewropa u lil hinn.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa lejn il-progress u l-iżviluppi fl-aspetti kollha ta' ħidma, inkluż il-protezzjoni tat-tfal[1], li saru mill-aħħar rapport tal-Kummissjoni f'Novemrbu 2017[2]. Ir-rapport iqis ukoll il-progress li sar skont il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni biex jintlaħaq qbil sa Ġunju 2018 dwar pakkett komprensiv għall-migrazzjoni ppreżentat lil-Laqgħa tal-Mexxejja tal-UE f'Diċembru 2017[3]. Dan juri n-natura komprensiva tal-ħidma u l-ħtieġa li tinżamm l-intensità tal-isforzi tal-UE kullimkien.

Fl-aħħar nett, dan ir-rapport jidentifika azzjonijiet konkreti ewlenin, li huma meħtieġa sabiex jiżguraw li reazzjoni tal-UE tibqa' effikaċi, b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar investiment finanzjarju konġunt bejn l-Istati Membri u l-UE biex isostni l-azzjoni tal-UE fuq id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni.

2. IS-SITWAZZJONI FIR-ROTOT EWLENIN TAL-MIGRAZZJONI

Fl-2017, is-sitwazzjoni migratorja saret aktar stabbli, iżda baqgħet diffiċli. Bi kważi 205 000 persuna li qasmu l-fruntieri irregolarment fl-2017, kien hemm b'kollox 28% anqas wasliet milli kien hemm fl-2014, is-sena ta' qabel il-kriżi[4]. Iżda s-sitwazzjoni hija fraġli u l-ħidma fuq ir-rotot migratorji kollha se tibqa' għaddejja fl-2018 biex ix-xejra 'l isfel tinżamm. Fl-istess ħin, il-pressjoni fuq is-sistemi nazzjonali tal-migrazzjoni, filwaqt li qed tonqos, għadha għolja. Fl-2017, tressqu 685 000 applikazzjoni għall-ażil fl-UE (tnaqqis ta' 43 % meta mqabbel mal-2016), inklużi 160 000 applikazzjoni minn tfal[5], u l-Istati Membri ħarġu kważi miljun deċiżjoni fl-ewwel istanza dwar l-ażil[6].

---

1 COM (2017)211 final tat-12.04.2017. Il-Kummissjoni se taġġorna regolarment onlajn il-ħarsa ġenerali tal-progress fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tal-tfal fil-migrazzjoni: https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/rights-child/children-migration_en.
2 COM(2017) 669 final tal-15.11.2017.
3 COM(2017) 820 final tas-7.12.2017.
4 Dejta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.
5 Dejta mill-Fond ta' Emerġenza tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal - UNICEF.
6 Dejta mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil

<u>Detezzjoni ta' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-UE u applikazzjonijiet pendenti għall-ażil fi tmiem is-sena fl-UE 28 –2014–2017</u>



Sors tad-dejta: EBCGA għad-detezzjoni ta' qsim illegali tal-fruntieri u l-Eurostat għall-applikazzjonijiet pendenti għall-ażil. Nota: Id-dejta dwar l-applikazzjonijiet pendenti għall-ażil fl-2017 teskludi lil Spanja u lil Ċipru, li d-dejta tagħhom hija nieqsa.

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant

Fir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant, il-movimenti migratorji komplew bix-xejra li qabdu mid-Dikjarazzjoni UE-Turkija f'Marzu 2016. Għall-2017 kumplessivament, 42 319-il migrant waslu permezz tar-rotta tal-Mediterran tal-Lvant, meta mqabbel mal-182 227 li waslu fl-2016[7]. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-2018, kien hemm 3 126 wasla reġistrata fil-**Gżejjer Griegi**, meta mqabbel mal-2 689 matul l-istess perjodu fl-2017[8]. Kien hemm bidla żgħira fil-proporzjonijiet relattivi tan-nazzjonalitajiet ewlenin tal-migranti involuti. Fl-2017, it-tliet nazzjonalitajiet ewlenin kienu Sirjani (40 %), Iraqini (19 %), u Afgani (11 %): sal-lum fl-2018, il-proporzjonijiet iċċaqalqu ftit bis-Sirjani jkunu 32 %, l-Iraqini 27 % u l-Afgani 13 %.

Filwaqt li l-qsim mit-Turkija lejn l-Italja, Ċipru , il-Bulgarija u r-Rumanija dan l-aħħar kien tassew ftit, il-qsim irregolari mit-Turkija lejn **il-Greċja mill-fruntiera fl-art** żdied meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Dan il-qsim żdied bi kważi 80 % fl-2017 meta mqabbel mal-2016 u laħaq aktar minn 5 500, u fl-2018 sal-4-5 ta' Marzu kien hemm 838 detezzjoni, meta mqabbel mal-291 fl-istess perjodu fl-2017. Ta' min jinnota li l-akbar proporzjon minn dan il-qsim jikkonċerna persuni Torok, li jagħmlu aktar minn 50% tal-qsim kollu s'issa din is-sena.

Ir-rotta tal-Balkani tal-Punent

Ix-xejra ta' stabbiltà relattiva fir-rotta mill-Balkani tal-Punent matul l-2017 kompliet fl-2018. Kontroll akbar fuq il-fruntieri u kooperazzjoni koordinata bejn l-Istati Membri tal-UE, l-Aġenziji tal-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kompliet trendi t-tranżitu mill-Balkani tal-Punent aktar diffiċli. Madankollu, kontrolli msaħħa fuq rotot primarji jistgħu jinkoraġġixxu l-

---

[7] Dejta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.
[8] Dejta mill-Pulizija Griega.

iżvilupp ta' rotot ġodda jew devjazzjonijiet minn xi mkien ieħor. Dan jista' jwassal ukoll għal adattament min-netwerks tat-traffikar u biex jibdew jintużaw *modi operandi* ġodda — inklużi tekniki li jpoġġu lill-migranti f'riskju akbar sabiex jinżamm il-marġini tal-profitt tal-faċilitaturi tal-immigrazzjoni illegali. Dan jitlob sforzi kontinwi biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi u biex ikun hemm kooperazzjoni kontra l-faċilitaturi tal-immigrazzjoni illegali.

Il-maġġoranza tad-detezzjonijiet ta' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-UE ġew innotati fuq il-fruntieri mas-Serbja. Kien hemm ukoll sinjali ta' sottorotta li qed tiżviluppa minn ġol-Albanija, il-Montenegro u l-Bożnja-Ħerzegovina lejn il-Kroazja u s-Slovenja. Monitoraġġ kontinwu huwa kruċjali fil-konfront tal-għadd akbar ta' detezzjonijiet ta' ċittadini Iranjani li jippruvaw jidħlu fl-UE mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Iż-żieda fl-għadd ta' tentattivi rreġistrati f'dawn l-aħħar xhur tikkoinċidi mad-deċiżjoni tas-Serbja li tagħti dħul mingħajr viża liċ-ċittadini tal-Iran. Il-biċċa l-kbira tat-tentattivi ta' dħul illegali fl-UE ġew irreġistrati waqt ivvjaġġar bl-ajru minn Belgrad, bl-użu ta' dokumenti foloz jew miksuba bi frodi. Fl-aħħar nett, l-movimenti migratorji mill-Balkani tal-Punent lura lejn il-Greċja jridu jiġu mmonitorjati mill-qrib, fejn fl-2017 kien hemm żieda notevoli fil-flussi identifikati mill-Albanija lejn il-Greċja, għalkemm kumplessivament f'livelli baxxi[9].

Ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali

Il-Kummissjoni poġġiet enfasi qawwi fuq l-immaniġġjar tal-flussi migratorji fir-rotta tal-Mediterran Ċentrali, billi bniet fuq il-Qafas ta' Sħubija dwar il-migrazzjoni[10] u fuq id-Dikjarazzjoni ta' Malta[11]. Madankollu, minn din ir-rotta għadu jasal l-akbar għadd ta' persuni li jaqsmu bil-baħar lejn l-Ewropa, minkejja t-tnaqqis sinifikanti fit-tluq mil-Libja minn nofs Lulju 2017. Fl-2017, 119 369 persuna waslu l-Italja minn din ir-rotta, tnaqqis ta' 34 % meta mqabbel mal-2016. Sas-6 ta' Marzu 2018, kienu rreġistrati 5 457 wasla fl-2018, madwar 65 % inqas minn dawk irreġistrati fl-istess perjodu fl-2017. Il-kompożizzjoni tal-migranti li waslu minn din ir-rotta s'issa fl-2018 turi bidla sinifikanti: in-nazzjonalitajiet ewlenin huma Eritreani (24 %), Tuneżini (20 %) u Niġerjani (6 %), meta mqabbel ma' Niġerjani (15 %), Gineani (8 %), u Ivorjani (8 %) fl-2017.

Qed ikompli jkun hemm żieda sinifikanti ta' vjaġġi li jibdew mit-Tuneżija lejn l-Italja, b'madwar 20 % (tan-nazzjonalitajiet kollha) jitilqu mit-Tuneżija fl-2018 s'issa.

Ix-xejra ta' inqas imwiet fuq il-baħar fl-2017 kompliet fl-2018. Aktar minn 286 300 migrant ġew salvati mill-1 ta' Frar 2016 'il quddiem permezz tal-operazzjonijiet tal-UE bl-appoġġ tal-Gwardja tal-Kosta Taljana. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni rrappurtat li l-Gwardja tal-Kosta Libjana salvat aktar minn 20 300 migrant fl-ilmijiet territorjali Libjani fl-2017 u aktar minn 2 000 f'Jannar 2018 ingħataw għajnuna mill-bastimenti ritornati mill-Italja wara taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ. Iżda r-rotta baqgħet perikoluża ħafna, speċjalment minħabba li l-faċilitaturi tal-immigrazzjoni illegali kellhom jadattaw l-operazzjonijiet tagħhom b'modi li jpoġġu lill-migranti f'riskju akbar. Fl-2017 l-għadd ta' ħajjiet mitlufa u persuni neqsin fuq il-baħar huwa stmat li kien ta' 2 853, tnaqqis ta' 38 % mill-2016[12]. Operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ twettqu wkoll fid-deżert fin-Niġer: fl-2017, ġew salvati iktar minn 2 000 migrant, 1 100 f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa b'mod konġunt mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

[9] Żieda ta' 25 % bejn Jannar u Novembru 2017 meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2016 (sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta).
[10] COM(2016) 385 final tas-7.6.2016.
[11] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/01/03-malta-declaration/
[12] Sors: Proġett tal-IOM dwar Migranti Neqsin (https://missingmigrants.iom.int/region/mediterranean).

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent/tal-Atlantiku

L-għadd ta' persuni li jaslu mir-rotta tal-Mediterran tal-Punent/tal-Atlantiku beda jiżdied f'Ġunju 2017 u din ix-xejra qed tkompli. Fl-2017, 28 349 migrant waslu fi Spanja minn din ir-rotta, aktar mid-doppju tal-2016. Dan jinkludi żieda fit-tentattivi ta' qsim bl-art lejn il-bliet awtonomi Spanjoli ta' Ceuta u Melilla, qsim bil-baħar mill-Marokk u mill-Alġerija, u vjaġġi bl-ajru mill-ajruporti ta' Dakar u Casablanca. L-għadd totali ta' wasliet fi Spanja (permezz tar-rotta tal-Mediterran tal-Punent, permezz tar-rotta tal-Atlantiku u minn Ceuta u Melilla) fl-2018 sal-4 ta' Marzu kien ta' 3 804, li huwa 17 % ogħla milli kien fl-istess perjodu fl-2017 (3 260)[13]. In-nazzjonalitajiet ewlenin tal-migranti reġistrati li qasmu illegalment minn din ir-rotta fl-2018 huma Guineani (17 %), Marokkini (17 %), Maljani (15 %), Ivorjani (13 %), u Gambjani (7 %). In-nazzjonalitajiet ewlenin fl-2017 kienu Marokkini (21%); Alġerini (18 %); Ivorjani (14 %), Guineani(13 %), u Gambjani (11 %).

3. L-APPOĠĠ TAL-UE GĦALL-ĠESTJONI TAL-MIGRAZZJONI

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant — Appoġġ lill-Greċja u lill-Bulgarija

Element ewlieni tal-appoġġ tal-UE lill-Istati Membri jibqa' l-approċċ tal-**hotspots**. Minkejja l-progress li sar f'termini ta' titjib tal-kundizzjonijiet fil-kapaċità eżistenti, il-postijiet ta' akkoljenza disponibbli fil-hotspots fil-Greċja għadhom mhumiex biżżejjed. Fit-8 ta' Marzu kien hemm 12 926 migrant preżenti fil-gżejjer, (li minnhom 10 020 fil-hotspots), sostanzjalment aktar mill-għadd uffiċjali ta' postijiet disponibbli (inqas minn 8 000). Saru sforzi biex tiżdied il-kapaċità u biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet ikunu mgħammra kif xieraq għax-xitwa. Ġew installati 60 unità residenzjali ġdida f'Moria, li jipprovdu kapaċità addizzjonali ta' 700 post. Il-kundizzjonijiet f'Kos u f'Leros tjiebu. Madankollu, l-għoti mill-awtoritajiet lokali ta' siti għal kapaċità ta' akkoljenza addizzjonali u ta' qabel it-tneħħija għadha kwistjoni ewlenija. L-awtoritajiet Griegi għandhom ukoll isibu soluzzjoni immedjata biex jipprovdu interpretazzjoni fuq il-gżejjer taħt il-programm nazzjonali.

B'mod aktar ġenerali, hemm nuqqas persistenti ta' xelters adegwati għall-minorenni mhux akkumpanjati fuq il-gżejjer u fuq l-art kontinentali. L-awtoritajiet Griegi għandhom iħaffu l-proċess biex jistabbilixxu, bl-appoġġ finanzjarju tal-UE, 2 000 post addizzjonali ta' akkoljenza għall-minorenni mhux akkumpanjati madwar il-Greċja. Inħatru timijiet ta' protezzjoni tat-tfal u qed jiġu mħarrġa fil-hotspots kollha fil-Greċja: dan huwa parti minn sforz usa' biex il-bżonnijiet tat-tfal migranti jingħataw prijorità wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2017.

Dawn l-azzjonijiet kollha jeħtieġu monitoraġġ kontinwu mill-awtoritajiet Griegi sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli u dejjiema.

Sas-7 ta' Marzu 2018, 847 persuna kienu ġew **rilokati** mill-Greċja, inklużi 513-il minorenni mhux akkumpanjat. Fil-Greċja għad hemm 149 applikant aċċettati għar-rilokazzjoni iżda li għad iridu jiġu ttrasferiti, inklużi 32 minorenni mhux akkumpanjat[14].

---

[13] Dejta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Iċ-ċifri ta' Jannar u Frar 2018 ikopru l-wasliet mir-rotta tal-Mediterran tal-Punent bil-baħar u fir-rotta tal-Atlantiku.

[14] Prinċipalment dan jinvolvi l-Irlanda (131) u l-Ġermanja (18). Barra minn hekk, hemm 20 applikant ieħor li għalihom l-awtoritajiet Griegi għadhom qed jistennew risposta mill-Ġermanja.

L-UE tkompli tipprovdi **appoġġ finanzjarju sostanzjali lill-Greċja** biex tindirizza l-isfidi relatati mal-migrazzjoni. Sa mill-bidu tal-2015, il-Kummissjoni tat EUR 393 miljun bħala assistenza ta' emerġenza, minbarra l-EUR 561 miljun disponibbli taħt il-programmi nazzjonali għall-perjodu 2014–2020. Barra minn hekk, l-Istrument ta' Appoġġ ta' Emerġenza[15] s'issa pprovda aktar minn EUR 440 miljun fl-2016–2017 u EUR 198 miljun addizzjonali huma disponibbli għall-2018. Pjan finanzjarju għall-2018, żviluppat f'Diċembru 2017, identifika ħtiġijiet essenzjali u se jiffaċilita l-bidla progressiva mill-użu ta' finanzjament ta' emerġenza għall-użu tar-riżorsi allokati taħt il-programmi nazzjonali għall-Greċja.

Kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 24 miljun lill-Programm ta' Ritorn Volontarju Assistit u Riintegrazzjoni implimentat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni għen lil 5 656 migrant jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom fl-2017, inklużi 1 683 mill-gżejjer. Fl-2018 sal-1 ta' Marzu, dan għen lil 760 migrant jirritornaw lura f'pajjiżhom, inklużi 242 mill-gżejjer. F'ħidma mal-Aġenzija tar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE tiffinanzja wkoll programm importanti li jgħin lill-kapaċità tal-akkoljenza fil-Greċja kontinentali, permezz ta' skema ta' kiri li għandha l-għan li tkun tista' takkomoda sa 25 000 persuna sa nofs l-2018 fit-territorju kontinentali, flimkien mal-2 000 post disponibbli mill-iskema ta' kiri ta' akkomodazzjoni fuq il-gżejjer. Dan kien effettivament modulat fid-daqs biex ikopri ħtiġijiet ġodda hekk kif tfaċċaw.

Parti essenzjali oħra tal-appoġġ mill-UE għall-Greċja hija l-ħidma tal-**aġenziji tal-UE**. Timijiet taħt l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil jappoġġa lill-awtoritajiet Griegi bl-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-applikanti potenzjali għal protezzjoni internazzjonali, u jipprovdu informazzjoni importanti lill-migranti. Esperti jagħtu wkoll pariri dwar il-valutazzjoni tan-nazzjonalità, u jikkontribwixxu biex tiġi identifikata l-frodi ta' dokumenti. Qed jingħata wkoll appoġġ speċifiku minn tim ta' 14-il espert biex l-Awtorità Griega tal-Appell tal-Ażil tindirizza d-diffikultajiet u żżid l-effiċjenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fokus partikolari għall-2018 se jkun li l-awtoritajiet Griegi jiġu appoġġati jiżviluppaw u jimplimentaw Sistema ta' Monitoraġġ tal-Akkoljenza. Fis-7 ta' Marzu, b'kollox 72 espert nazzjonali, megħjuna minn 76 persunal interim u 84 interpretu, kienu sjkerati fil-Greċja mill-Uffiċċju.

Fil-5 ta' Marzu 2018, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bagħtet 801 espert fuq il-fruntieri tal-art u tal-baħar fil-Greċja. Dan jappoġġa lill-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot, inkluż l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti, il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni, l-indirizzar ta' movimenti sekondarji u l-faċilitazzjoni tar-ritorni. L-Aġenzija tiffinanzja wkoll l-iskjerar ta' 280 uffiċjal tal-pulizija Griegi. Sa minn Settembru 2016, intbagħtu fil-Greċja diversi gruppi ta' esperti mill-Europol, li jwettqu kontrolli ta' sigurtà sekondarji. Fil-5 ta' Marzu 2018, f'ħames postijiet fil-Greċja kien hemm skjerati total ta' 19-il uffiċjal tal-Europol mistieden u żewġ membri tal-persunal mill-Europol. Evalwazzjoni tal-Kunċett tal-Uffiċjal tal-Europol Mistieden[16] fl-aħħar tal-2017 ikkonkludiet li, "*il-preżenza ta' Uffiċjali tal-Europol Mistiedna fuq il-post [...] hija indispensabbli sabiex jitwettqu b'mod effettiv il-kontrolli ta' sigurtà sekondarji*". L-evalwazzjoni inkludiet ukoll sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex tissaħħaħ aktar l-effiċjenza tal-iskema u jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tagħha.

---

15 Stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

16 L-evalwazzjoni tal-Kunċett tal-Uffiċjal tal-Europol Mistieden twettqet minn tim li kien jinkludi rappreżentanti tal-Europol, tal-Kummissjoni u ta' diversi Stati Membri (il-Greċja u l-Italja b'mod awtomatiku, kif ukoll tal-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja u n-Netherlands). Fit-13 ta' Diċembru 2017, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol approva r-rapport ta' evalwazzjoni finali u qabel ma' li l-Europol tfassal Pjan ta' Azzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet suġġeriti fih.

L-UE qed tipprovdi wkoll assistenza finanzjarja sostanzjali lill-**Bulgarija** fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-allokazzjoni tal-Bulgarija taħt il-programmi nazzjonali tammonta għal EUR 97,1 miljun, b'EUR 10,5 miljun oħra mill-Fond tas-Sigurtà Interna - Fruntieri li se jiġu allokati wara r-rieżami ta' nofs it-terminu. Dan ġie supplimentat b'EUR 172 miljun f'assistenza ta' emerġenza sa mill-bidu tal-2015. Il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali huwa sodisfaċenti, minkejja li l-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza tista' tiġi aċċellerata. Minħabba nuqqas ta' esperti kkontribwiti mill-Istati Membri, ġie skjerat inqas persunal mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta minn dak li hu meħtieġ — għall-perjodu sat-28 ta' Marzu 2018, kien hemm 42 espert inqas.

Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija

L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija qed tkompli tagħti riżultati konkreti fit-tnaqqis tal-qsim irregolari u perikoluż u qed issalva ħafna ħajjiet fil-Baħar Eġew, inkluż permezz tar-risistemazzjoni tas-Sirjani li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Il-Gwardja tal-Fruntiera Torka kompliet bl-attivitajiet tagħha ta' ronda. L-għadd ta' ħajjiet mitlufa fil-baħar naqas sew, fejn fl-2017 intilfu fuq il-baħar 62 persuna, meta mqabbel ma' 434 fl-2016[17].

Permezz tal-**Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija**, l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat ukoll għajnuna prattika lir-refuġjati Sirjani u lill-komunitajiet ospitanti fit-Turkija. Il-Faċilità hi waħda mill-eħfef mekkaniżmi ta' għajnuna tal-UE kif ukoll fost l-aktar effettivi. It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti saret f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Torok[18]. Il-Faċilità, li għandha baġit ta' EUR 3 biljun, bdiet taħdem fi żmien rekord, u kienet ikkuntrattata kollha sal-aħħar tal-2017 — it-72 proġett kollha qed jiġu implimentati[19]. Aktar minn EUR 1,85 biljun diġà ġew żborżati. Is-suċċess kbir li kellha l-Faċilità, kemm bħala parti mill-approċċ kumplessiv tal-Istrateġija UE-Turkija, kif ukoll fl-għoti ta' għajnuna deċiżiva lir-refuġjati fuq il-post, jirrifletti tajjeb is-sħubija bejn l-UE, l-Istati Membri u t-Turkija.

Il-faċilità tipprovdi lil kważi 1,2 miljun mill-aktar refuġjati vulnerabbli, trasferimenti ta' flus fix-xahar taħt is-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza. Għenet biex 312 000 tifel u tifla jingħataw taħriġ fil-lingwa Torka u biex ingħata materjal edukattivi lil 500 000 student. Il-finanzjament ipprovda wkoll konsultazzjoni dwar il-kura tas-saħħa primarja lil madwar 764 000 refuġjat u biex jitlaqqmu aktar minn 217 000 tarbija Sirjana refuġjata (ara l-Anness 2)[20].

Finanzjament kondiviż bejn l-UE u l-Istati Membri ppermetta approċċ ta' sħubija fil-governanza tal-Faċilità. Il-qalba ta' dan huwa kumitat fejn l-Istati Membri kollha jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet u fejn it-Turkija hija preżenti f'funzjoni konsultattiva. Dan wera li kien effettiv ħafna u ma jkunx possibbli kieku l-finanzjament ikun mill-UE biss. Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tistipula li "*meta dawn ir-riżorsi jkunu waslu biex jintużaw kollha*", l-UE "*timmobilizza finanzjament addizzjonali.... ta' EUR 3 biljun addizzjonali sa tmiem l-2018*[21]". It-tkomplija ta' din il-ħidma essenzjali tfisser li l-UE issa għandha tipproċedi bil-porzjon li jmiss tat-EUR 3 biljun. Illum il-Kummissjoni qed tadotta Deċiżjoni b'dak l-għan[22].

[17] Sors: Proġett tal-IOM dwar Migranti Neqsin (https://missingmigrants.iom.int/region/mediterranean).
[18] Id-detalji sħaħ jinsabu fit-tabbella tal-proġetti onlajn.https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/sites/near/files/facility_table.pdf.
[19] Għadha pendenti l-kontrofirma għal proġett wieħed.
[20] COM(2018) 91/3 final tal-14.03.2018.
[21] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/02/03/refugee-facility-for-turkey/
[22] C(2018) 1500 tal-14.03.2018.

Il-ħtieġa li jiġu ffinanzjati aktar sejħiet fuq il-baġit tal-UE — bl-aktar mod immedjat il-ħtiġijiet l-oħra relatati mal-migrazzjoni stipulati f'dan ir-rapport — tfisser li l-kontribuzzjoni massima mill-baġit tal-UE hija ta' EUR 1 biljun u li ż-EUR 2 biljun li jifdal għandhom ikomplu jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri fuq l-istess bażi bħala fl-ewwel porzjon. Biex jiġu evitati lakuni fil-finanzjament tal-Faċilità, l-ewwel kuntratti taħt il-porzjon li jmiss ikun jenħtieġ li jiġu ffirmati fis-sajf tal-2018.

Qasam ewlieni ieħor ta' ħidma kien il-ħidma tal-Kummissjoni u tal-aġenziji tal-UE biex jappoġġaw lis-Servizz Grieg tal-Ażil u lill-Kumitati tal-Appelli jħaffu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil, ħaġa li tippermetti l-implimentazzjoni tar-**ritorni lejn it-Turkija skont id-Dikjarazzjoni**[23]. Dan wassal għal titjib, inkluż tnaqqis kbir fil-każi pendenti fl-ewwel istanza fil-biċċa l-kbira tal-gżejjer, billi l-ħin medju meħtieġ għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-ewwel istanza tnaqqas għal madwar xahrejn. Madankollu, ħafna min-nuqqasijiet identifikati fir-rapporti preċedenti għadhom hemm[24].

Proċeduri tal-ażil aċċelerati huma indispensabbli biex tiżdied ir-rata ta' ritorn lejn it-Turkija. Minn Marzu 2016, ġew irreġistrati 2 164 ritorn[25], u minn dawn, sas-16 ta' Frar 2018, 563 biss kienu r-riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja negattiva fit-tieni istanza dwar l-applikazzjoni għall-ażil. Wieħed kien jaħseb li d-deċiżjoni wisq mistennija mill-Kunsill tal-Istat kienet se tagħti ċertezza legali akbar lill-ħidma tal-Kumitati tal-Appell, iżda x-xogħol tal-proċedimenti żdied biss b'mod marġinali minn mindu ngħatat din id-deċiżjoni. Il-gvern Grieg għaddej b'ħidma biex jirrieżamina l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ażil fil-Greċja, b'tibdil li qed jiġi kkunsidrat biex jitnaqqas id-dewmien, jallinja l-ambitu għall-applikazzjoni tal-effett sospensiv tal-appelli mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, u jipprevedi skadenzi aktar stretti biex wieħed iressaq każ quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema u għall-eżami ta' applikazzjonijiet sussegwenti. Il-pass li jmiss se jkun li l-emendi jitressqu quddiem il-Parlament Grieg.

Il-persuni li baqgħu jaslu fil-gżejjer tal-Eġew u l-pass kajman tar-ritorn huma sors ta' pressjoni persistenti fuq il-kapaċità tal-akkoljenza fil-hotspots. L-awtoritajiet Griegi ħadu azzjoni billi wettqu trasferimenti tal-vulnerabbli fost dawk li jfittxu l-ażil lejn il-Greċja kontinentali. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja kontinwa tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija issa ġie miftiehem approċċ aktar strett fl-identifikazzjoni ta' dawk vulnerabbli li jfittxu l-ażil; qed tintużaw formula biex titjieb il-konsistenza fid-definizzjoni ta' vulnerabbiltà u qed jitħejja manwal operazzjonali.

Ir-risistemazzjoni mit-Turkija skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija qed tkompli, minkejja li b'pass aktar bil-mod meta mqabbla mal-għadd rekord ta' Sirjani risistemati matul il-perjodu Mejju-Ottubru 2017. Filwaqt li 16-il Stat Membru kkontribwew għar-risistemazzjonijiet mit-Turkija skont id-Dikjarazzjoni tal-2017, ftit biss għadhom ikkontribwew s'issa din is-sena. Huwa essenzjali li jinżamm ritmu sostnut u li l-Istati Membri jkomplu jipparteċipaw fl-iskema ta' risistemazzjoni. Mir-rapport ta' Novembru dwar il-progress, 1 122 persuna ġew risistemati u b'hekk it-total minn meta saret id-dikjarazzjoni tela' għal aktar minn 12 476[26]. F'dak li għandu x'jaqsam mal-**Iskema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja**, bil-Proċeduri Operattivi Standard li ġew approvati mill-Istati Membri f'Diċembru 2017, din għandha tiġi

[23] 57 espert nazzjonali mill-Istati Membri se jintbagħtu mal-EASO biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija fil-Greċja.

[24] Ara COM(2017) 470 final tas-6.9.2017 u COM (2017) 669 final tas-16.11.2017.

[25] Mill-20 ta' Marzu 2016, kien hemm 1 563 ritorn lejn it-Turkija skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija u 601 ritorn skont il-protokoll bilaterali bejn il-Greċja u t-Turkija.

[26] S'issa 16-il Stat Membru tal-UE rrisistemaw Sirjani mit-Turkija, jiġifieri fl-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja, u l-Iżvezja.

attivata. Issa hemm fis-seħħ l-elementi u l-kundizzjonijiet kollha għal attivazzjoni, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Dan ikun jiżgura l-kontinwazzjoni tar-risistemazzjonijiet u jipprovdi alternattiva sikura u legali għall-migrazzjoni irregolari lejn l-UE.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-**Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża**, fil-bidu ta' Frar, it-Turkija ppreżentat pjan ta' ħidma lill-Kummissjoni Ewropea li jispjega kif it-Turkija qed tippjana li twettaq is-seba' parametri referenzjarji li baqa' għal-liberalizzazzjoni tal-viża[27]. Il-Kummissjoni qed tevalwa l-proposti tat-Turkija u se jsegwu konsultazzjonijiet ulterjuri mal-kontropartijiet Torok.

Fattur essenzjali li jikkumplimenta l-ħidma tal-UE mat-Turkija huwa li tkompli tindirizza s-sitwazzjoni **fis-Sirja u f'pajjiżi ġirien oħra** li qed jiffaċċaw l-isfida kbira li jgħinu għadd kbir ta' refuġjati. Fil-Konferenza dwar is-Sirja li se tiġi ospitata mill-UE u min-Nazzjonijiet Uniti fl-24–25 ta' April 2018, l-intenzjoni tal-UE hi li tirreplika l-isforzi preċedenti tagħha — f'April 2017, l-UE qablet li tpoġġi għad-dispożizzjoni **EUR 560 miljun** għall-ħtiġijiet ta' assistenza u ta' protezzjoni mill-baġit tal-2018. Il-Ġordan u l-Libanu qed ikomplu jappoġġaw l-għajxien tar-rifuġjati flimkien mal-komunitajiet li jospitawhom, u ż-żewġ pajjiżi ħadu passi importanti biex jiftħu l-edukazzjoni għat-tfal refuġjati kollha. L-appoġġ tal-UE għal-Libanu (EUR 334 miljun, b'EUR 247 miljun ikkuntrattati) u għall-Ġordan (EUR 228 miljun, EUR 126 miljun ikkuntrattati) se jkompli, u se jagħti prijorità lill-azzjonijiet li jipprovdu protezzjoni u assistenza lil dawk l-aktar vulnerabbli.

Ir-rotta tal-Balkani tal-Punent

Filwaqt li l-qsim irregolari tal-fruntieri f'din ir-rotta stabbilizza ruħu f'livell relattivament baxx, għad baqa' livell sinifikanti ta' attività ta' faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali. Fit-12 ta' Frar 2018, ġie inzjalat ftehim bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Albanija, li jippermetti lill-Aġenzija tipprovdi assistenza fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni kif ukoll biex tiskjera timijiet fit-territorju Albaniż f'każ ta' bidla f'daqqa fil-flussi migratorji. Il-Kummissjoni bħalissa qed tinnegozja ftehimiet simili mas-Serbja u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Minbarra li tirreaġixxi għall-kriżi tal-migranti u r-refuġjati fil-Balkani tal-Punent permezz ta' finanzjament mill-UE, il-Kummissjoni tkompli tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni, inkluż permezz ta' żewġ vidjowkonferenzi fil-ġimgħa mal-pajjiżi tul ir-rotta, u tipprovdi għajnuna sinifikanti biex tittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni fir-reġjun. Dan l-impenn issaħħaħ fl-istrateġija adottata reċentement "Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent"[28]. Permezz tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, fl-2018, sas-7 ta' Marzu, kienu saru 53 ritorn volontarju assistiti mis-Serbja, 16 mill-Bożnija-Ħerzegovina u 8 mill-Montenegro. Iċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fil-Europol ikompli jappoġġa l-investigazzjonijiet tal-Istati Membri. Fl-2017, kien hemm erbat ijiem ta' azzjoni bl-appoġġ tal-Europol, li wasslu għal 64 arrest fil-Balkani tal-Punent. L-Eurojust jappoġġa l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, kif ukoll jipprovdi pariri prattiċi lill-prattikanti permezz tal-Grupp Tematiku dwar il-Faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali.

[27] Ara COM(2017) 470 final tas-6.9.2017.
[28] COM(2018) 65 final tas-6.2.2018.

Il-passi li jmiss:

- L-awtoritajiet Griegi għandhom jaċċelleraw l-implimentazzjoni tar-ritorn lejn it-Turkija skont id-Dikjarazzjoni, notevolment billi jintroduċu bidliet fil-leġiżlazzjoni Griega u jlestu l-arranġamenti mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil biex jippermettu operazzjonijiet effettivi fil-Greċja u appoġġ addizzjonali lill-Kumitati tal-Appell;
- L-awtoritajiet Griegi fil-livelli kollha għandhom jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw aktar kapaċità u kundizzjonijiet aħjar ta' akkoljenza fil-hotspots;
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed appoġġ espert għall-ħidma tal-Aġenziji tal-UE fil-Greċja u fil-Bulgarija;
- L-Istati Membri għandhom iwieġbu għat-talbiet pendenti kollha ppreżentati mill-Italja u mill-Greċja u effettivament jirrillokaw l-applikanti eliġibbli kollha li jifdal;
- Għandhom jiġu konklużi malajr ftehimiet bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u pajjiżi mhux membri tal-UE fil-Balkani tal-Punent;
- Bil-prekondizzjonijiet kollha ssodisfati, l-Iskema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja għandha issa tiġi attivata biex jiġu risistemati refuġjati mit-Turkija;
- It-tieni porzjon tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija għandu jkun mobilizzat b'baġit addizzjonali ta' EUR 3 biljun, u l-UE u l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu fuq l-istess bażi tal-ewwel porzjon.

Ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali

- *Appoġġ lill-Italja*

Ikompli l-appoġġ għall-implimentazzjoni **tal-approċċ hotspot** (skrinjar, identifikazzjoni, teħid tal-marki tas-swaba', reġistrazzjoni, informazzjoni, debriefing u direzzjonar tal-migranti). Il-Ministeru Taljan għall-Intern qed jikkunsidra li jiftaħ tliet hotspots addizzjonali fl-2018. Minħabba l-volatilità tal-flussi, huwa kruċjali li l-Italja tiftaħ dawn il-hotspots addizzjonali bħala parti mill-ippjanar ta' kontinġenza għas-sajf.

L-aġenziji tal-UE jkomplu jipprovdu appoġġ sinifikanti. L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil bħalissa għandu 40 espert l-Italja, megħjuna minn 51 membru tal-persunal interim u 100 medjatur kulturali, li qed jgħinu biex titħaffef ir-reġistrazzjoni formali tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali madwar il-pajjiż u qed jgħinu lill-kummissjonijiet tal-ażil. Huwa qiegħed ukoll jgħin lill-Italja fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni[29] reċenti biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal migranti. L-esperti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta qed jgħinu fil-preidentifikazzjoni, fil-valutazzjoni tan-nazzjonalità, fl-iskrinjar, fit-teħid tal-marki tas-swaba' u fid-debriefing tal-migranti li jkun għadhom kif waslu. Barra minn hekk, għaddejjin diskussjonijiet prattiċi bejn l-esperti tal-aġenziji biex jiġi żgurat li jinħolqu rabtiet aktar b'saħħithom bejn id-deċiżjonijiet għall-ażil u r-ritorn. Sa minn Frar 2017, intbagħtu fl-Italja diversi gruppi ta' esperti mill-Europol, li jwettqu kontrolli ta' sigurtà sekondarji. Sa mill-5 ta' Marzu 2018, f'ħames postijiet fl-Italja kien hemm skjerati total ta' 16-il uffiċjal tal-Europol mistieden u tliet membri tal-persunal mill-Europol.

Sas-7 ta' Marzu 2018, 11 999 persuna kienu ġew **rilokati** mill-Italja, inklużi 174 minorenni mhux akkumpanjat. 224 applikant (inklużi 48 minorenni mhux akkumpanjat) li diġà huma

[29] B'mod partikolari, il-liġi Nru 47/2017 (l-hekk imsejħa "Legge Zampa") li daħlet fis-seħħ minn Mejju 2017 u introduċiet proċeduri olistiċi, multidixxiplinari u mhux invażivi għall-valutazzjoni tal-età, l-introduzzjoni relattivament rapida ta' sistema ta' rappreżentanti volontarji (bosta eluf ta' ċittadini rreġistraw matul l-aħħar xhur u l-awtoritajiet Taljani bħalissa qed jorganizzaw it-taħriġ tagħhom b'appoġġ mill-EASO), u qassret il-qafas legali biex tingħata akkomodazzjoni fit-tul.

aċċettati għal rilokazzjoni għadhom l-Italja, jistennew li jiġu ttrasferiti prinċipalment lejn il-Ġermanja (137), in-Netherlands (22), il-Portugall (19), l-Awstrija (15), u l-Kroazja (14). Barra minn hekk aktar minn 709 talbiet ta' rilokazzjoni (inkluż għal 106 minorenni mhux akkumpanjati) li ntbagħtu mill-Italja primarjament lill-Ġermanja (529), lill-Franza (95), lin-Netherlands (46), u lill-Portugal (29) għadhom ma ġewx imwieġba.

L-UE qed tipprovdi wkoll **assistenza finanzjarja** sostanzjali lill-Italja fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ġestjoni tal-fruntieri. Wara l-Pjan ta' Azzjoni tal-4 ta' Lulju 2017[30], l-għajnuna finanzjarja addizzjonali immedjata ta' EUR 35 miljun lill-Italja għall-implimentazzjoni ta' riformi nqabżet, bl-allokazzjoni minflok ta' EUR 39,92 miljun ta' għajnuna ta' emerġenza sa tmiem l-2017 għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-hotspots u f'żoni oħra ta' żbark tal-migranti. B'riżultat ta' dan, l-għajnuna tal-UE allokata lill-Italja sa issa tammonta għal total ta' EUR 189 miljun. Din l-assistenza ta' emerġenza tikkomplementa l-appoġġ tal-UE għall-programmi nazzjonali fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-affarijiet interni tal-Italja, li jammontaw għal aktar minn EUR 650 miljun[31].

Fl-1 ta' Frar 2018 l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta nediet operazzjoni ġdida, l-**Operazzjoni Konġunta Themis**, li ssostitwiet l-Operazzjoni Konġunta Triton fil-Mediterran Ċentrali, biex tirrifletti aħjar it-tibdil fix-xejriet tal-migrazzjoni u tipprevjeni l-kriminalità transfruntiera. Il-bastimenti li jipparteċipaw fl-Operazzjoni Konġunta Themis ser ikomplu jsalvaw il-ħajjiet fil-Mediterran Ċentrali. Huma jridu jassistu f'kull inċident ta' tfittxija u salvataġġ, irrispettivament miż-żona operazzjonali, jekk jintalbu miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni ta' Salvataġġ Marittimu responsabbli.

Il-passi li jmiss:

- L-Italja tiftaħ tliet postijiet hotspot oħra kif ippjanat;
- Finalizzazzjoni tal-fażi li jmiss ta' finanzjament ta' emerġenza mal-awtoritajiet Taljani;
- L-Istati Membri għandhom iwieġbu t-talbiet pendenti kollha ppreżentati mill-Italja u jittrasferixxu malajr lill-applikanti eliġibbli kollha li fadal, bi prijorità assoluta fuq il-minorenni;
- L-Italja tkompli l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-4 ta' Lulju 2017.

- *Il-Libja u r-reġjun, u l-pajjiżi tul ir-rotta*

L-UE rreaġixxiet għall-kundizzjonijiet tal-biża' li qegħdin jiffaċċaw bosta migranti fil-Libja u għall-attività kbira ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin b'ħidma intensiva biex tindirizza l-ħtiġijiet immedjati tal-migranti, tistabbilizza l-komunitajiet, u tgħin lill-migranti maqbudin il-Libja jmorru lura darhom jew isibu mezz sigur lejn l-Ewropa jekk ikunu fi bżonn ta' protezzjoni.

L-għadd ta' nies li qed jiġu megħjuna biex jitilqu mil-Libja żdied b'mod sinifikanti minn mindu twaqqfet it-**Task Force konġunt bejn l-Unjoni Afrikana, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti**[32] u ddeċidiet li żżid ir-ritorni volontarji assistiti mil-Libja (permezz tal-

[30] SEC(2017) 339 tal-4.7.2017.

[31] Għall-perjodu 2014-2020, dan jammonta għal EUR 387,7 miljun taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, inklużi EUR 43,6 miljun għal rilokazzjoni/risistemazzjoni, u EUR 266 miljun taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna, li minnhom EUR 201,5 miljun għall-Fruntieri u l-Viża u EUR 64,5 miljun għall-Pulizija.

[32] It-Task Force twaqqfet fil-marġni tal-ħames summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropa (UA-UE) li sar fid-29 u t-30 ta' Novembru 2017 f'Abidjan, fil-Kosta tal-Avorju.

Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni)[33] u li tistabbilixxi l-evakwazzjonijiet permezz ta' Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza (mal-Aġenzija tar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti - UNHCR). Il-miri ta' 15 000 ritorn volontarju assistit addizzjonali sa Frar 2018[34] u l-evakwazzjoni ta' 1 300 persuna sal-bidu tal-2018 intlaħqu. Dawn l-isforzi se jkomplu bil-għan li titlesta l-evakwazzjoni tal-migranti u l-persuni bi ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali f'detenzjoni u li jintemmu l-kundizzjonijiet tal-waħx li jinżammu fihom.

Is-suċċess tal-Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza jiddependi fuq proċess f'żewġ stadji fejn fit-tieni stadju l-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li jiġu evakwati mil-Libja biex wara jiġu risistemati min-Niġer. Sa issa ġew risistemati biss 25 persuna evakwata. Huma meħtieġa sforzi urġenti ta' risistemazzjoni min-Niġer. L-Istati Membri għandhom ikomplu jaħdmu mill-qrib mal-Aġenzija tar-Refuġjati tan-NU, il-UNHCR, u jżidu r-ritmu tal-implimentazzjoni tal-wegħdiet li saru, sabiex inkunu nistgħu nevakwaw mil-Libja u mbagħad nirrisistemaw malajr min-Niġer. Min-naħa tagħha, huwa importanti li l-Aġenzija tar-Refuġjati tan-NU, il-UNHCR, tagħmel l-almu tagħha biex tħaffef il-pass ta' riferimenti ta' każijiet ta' risistemazzjoni lill-Istati Membri.

Il-ħidma tat-Task Force kienet appoġġata minn missjoni konġunta ta' segwitu fi Tripli fi Frar, li indirizzat ostakli bħalma huma r-restrizzjonijiet tan-nazzjonalità. Kwistjonijiet bħalma huma l-ħtieġa li tiġi indirizzata t-tortura u t-trattament inuman fiċ-ċentri ta' detenzjoni, kif ukoll miżuri lejn l-eliminazzjoni gradwali tas-sistema ta' detenzjoni arbitrarja u sistematika tal-migranti, ġew diskussi mal-awtoritajiet Libjani - kif ukoll miżuri kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali.

Il-**Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika** se jkompli jaqdi rwol importanti fil-ħidma tal-UE. Fis-26 ta' Frar, intlaħaq qbil li jittieħed pass ieħor dwar ir-ritorn volontarju u l-evakwazzjoni bi programm ġdid ta' EUR 115-il miljun li se jkompli jappoġġa lill-Aġenzija għar-Refuġjati tan-NU, il-UNHCR u lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni. Madankollu, bir-ritmu attwali ta' ritorni mil-Libja, il-fondi disponibbli se jkunu jistgħu jkopru l-appoġġ għar-riintegrazzjoni għal ftit xhur biss. Barra minn hekk, EUR 90 miljun għall-programm ta' migrazzjoni mħallta jfissru li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jkomplu jespandu l-preżenza tagħhom fil-punti ta' żbark u fiċ-ċentri ta' detenzjoni sabiex jipprovdu assistenza medika u assistenza diretta lill-migranti u lir-refuġjati. B'riżultat ta' dan, 33 000 migrant barra miċ-ċentri ta' detenzjoni u ġo fihom ibbenefikaw minn għajnuna diretta bħal kutri, ħwejjeġ, kits tal-iġjene. Barra minn hekk, 10 000 migrant gawda minn għajnuna medika. Ingħatat ukoll għanjuna lil aktar minn 3 500 familja Libjana spostata. Faċilitajiet mediċi rċevew tagħmir mediku[35], inklużi ġeneraturi tal-enerġija u ambulanzi[36]. Bħalissa għaddejja wkoll ħidma sabiex tgħin lill-bdiewa lokali jippreservaw il-produzzjoni fl-inħawi milquta, ikkumplimentata minn bini ta' kapaċità għall-bdiewa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tekniċi tagħhom u tinbena r-reżiljenza tal-komunità. Finanzjament addizzjonali ġie mobilizzat biex jikkumplimenta l-Fond Fiduċjarju tal-UE biex jaħdem mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem fuq programm dedikat biex jindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti fil-Libja. Qed jibdew jitħaddmu wkoll programmi oħra. Programm ta' EUR 46,3 miljun biex jgħin fil-ġestjoni tal-fruntieri fil-Libja, imħejji bi sħubija

---

33 Fil-kuntest tal-Libja, l-IOM tuża l-kunċett ta' "Għajnuna għal Ritorn Umanitarju Volontarju" biex tirreferi għar-Ritorni Volontarji Assistiti minħabba s-sitwazzjoni mwiegħra tal-migranti maqbuda fil-Libja.

34 Kien hemm 19 370 ritorn volontarju assistit fis-sena 2017 kollha, 6 238 mill-bidu tal-fażi tal-evakwazzjoni (jiġifieri mit-28 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2017).

35 L-IOM appoġġa tliet ċentri ta' kura primarja tas-saħħa f'Sabha (li jservu 32 000 individwu) u waħda f'Qatroun (li jservu 3 500 individwu).

36 Il-UNDP tat numru ta' ambulanzi lill-muniċipalitajiet ta' Murzuq u Kufra u bdiet riabilitazzjoni ta' klinika f'Bengażi.

bejn il-Kummissjoni u l-Italja, ġie kkuntrattat f'Diċembru 2017 taħt il-Fond Fiduċjarju tal-UE u qed jibda jiġi implimentat. Fis-7 ta' Marzu, intlaħaq qbil dwar programm ieħor mill-Fond Fiduċjarju tal-UE biex jingħata appoġġ lill-muniċipalitajiet Libjani[37]. Dan il-programm ta' EUR 50 miljun se jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni vulnerabbli kif ukoll tal-komunitajiet ospitanti billi jiżviluppa l-kapaċità ta' muniċipalitajiet Libjani li jagħtu servizzi bażiċi (is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sanità, l-ilma). L-attivitajiet se jkunu mfassla skont il-bżonnijiet tal-awtoritajiet lokali u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kunsill Presidenzjali u l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali. Dan il-programm ġie fformulat fi sforz konġunt mal-Italja.

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri lit-tieqa tal-Afrika ta' Fuq tal-Fond Fiduċjarju tal-UE kienet vitali. Wara diskussjoni fil-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri wiegħdu kontribuzzjonijiet addizzjonali ta' EUR 158,6 miljun għall-Fond Fiduċjarju, prinċipalment għar-riforniment ta' din it-tieqa. Dawn il-kontribuzzjonijiet, flimkien mal-fondi addizzjonali li saru disponibbli fi ħdan il-baġit tal-UE, ippermettew il-kontinwazzjoni ta' programmi ewlenin fl-ewwel kwart tal-2018. Madankollu, hekk kif il-proġetti jiġu implimentati effettivament u jilħqu l-kapaċità inizjali tagħhom, ikun hemm bonn li jiġu estiżi – dan ikun minnu għal oqsma bħar-ritorn volontarju assistit, protezzjoni, ġestjoni tal-fruntieri, u appoġġ lill-muniċipalitajiet. Għalhekk, se jkun hemm bżonn riżorsi addizzjonali mill-baġits tal-Istati Membri imma wkoll mill-baġit tal-UE: l-ammont għall-proġetti li huma ppjanati għall-2018 u fejn proġetti eżistenti li rnexxew huma mistennija jiġu estiżi għall-2019 huwa ta' EUR 390 miljun, u għalkemm għad baqa' xi EUR 165 miljun fit-tieqa li, jew diġà ġew identifikati fi ħdan il-baġit tal-UE jew imwiegħda mill-Istati Membri, xorta waħda għad baqa' **lakuna ta' finanzjament ta' EUR 225 miljun**. Hemm bżonn ikun innutat li dan ikopri xogħol direttament rilevanti għal-Libja, imma li x-xogħol taħt iż-żewġ twieqi l-oħra, bħal dwar ir-riintegrazzjoni għandu impatt kbir fuq l-effettività tal-azzjoni tal-UE fil-Libja.

Komplew l-isforzi tal-UE biex tappoġġa żewġ **servizzi tal-Gwardja tal-Kosta Libjana**. L-operazzjoni Sophia sa issa ħarġet madwar 201 membru tal-persunal tal-Gwardja tal-Kosta Navali Libjana inklużi 5 membri tal-ekwipaġġ tad-dgħajsa tal-għassa permezz ta' taħriġ amalgamat ibbażat fuq l-art u fuq il-baħar. Għaddej ippjanar biex jitkompla l-element ta' taħriġ ibbażat fuq l-art tul l-2018 u biex jissaħħaħ il-monitoraġġ, bl-ewwel rapport iffinalizzat kmieni f'Marzu tal-2018. Permezz tas-Seahorse Mediterranean Network, it-taħriġ dwar it-tiftix u s-salvataġġ ġie pprovdut minn Malta u taħriġ ulterjuri se jiġi pprovdut mill-Italja. It-twaqqif ta' netwerk ta' komunikazzjoni sigur fil-Mediterran għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-migrazzjoni irregolari bil-baħar issa qed jilħaq l-aħħar stadju, u n-netwerk għandu jkun operattiv fit-tieni nofs tal-2018. L-UE tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni bejn il-Gwardja tal-Kosta Taljana u l-Gwardja tal-Kosta Libjana biex tivvaluta l-kapaċitajiet fil-qasam tat-tiftix u s-salvataġġ u twettaq studju dwar il-fattibilità għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni ta' Salvataġġ Marittimu Libjan.

Il-ħidma tkompli fuq it-titjib tal-ġbir tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-entitajiet kollha tal-Unjoni. Qed jitwaqqaf proġett pilota biex jgħin lill-aġenziji tal-UE, u l-persunal tal-EUNAVFORMED tal-Operazzjoni Sophia biex jaħdmu direttament flimkien fi ħdan Ċellula ta' Informazzjoni Kriminali li għandha ssib postha fl-operazzjoni, sabiex jiġi ottimizzat l-użu ta' informazzjoni miġbura mill-Operazzjoni Sophia għall-prevenzjoni tal-kriminalità, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, skont il-mandati legali rilevanti. Il-missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntieri fil-Libja stabbiliet preżenza ħafifa fi Tripli b'ħames membri tal-persunal operazzjonali fil-preżent skjerati b'rotazzjoni. Matul l-2017 kienet dejjem aktar

37 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-5144_en.htm

involuta mal-awtoritajiet Libjani, inkluż billi tassisti lill-awtoritajiet Libjani biex jiżviluppaw riformi ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Libja. Din il-preżenza se tkun gradwalment estiza hekk kif jippermettu l-kondizzjonijiet ta' sigurtà.

L-UE tkompli taħdem għal **tranżizzjoni politika** inklużiva fil-Libja f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2017[38].

- *Pajjiżi mar-rotta*

Għadu għaddej ix-xogħol ma' pajjiżi ta' tranżitu u oriġini fir-rotot tal-migrazzjoni fl-Afrika. F'Diċembru tal-2017, ġew miftiehma 28 programm addizzjonali skont il-**Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika**, għal ammont ta' EUR 468,27 miljun. L-azzjoni tinkludi proġetti li jsaħħu r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli u għall-ħolqien tal-impjiegi – inkluż għaż-żgħażagħ u l-komunitajiet ospitanti – kif ukoll il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. Il-programi l-iktar reċenti miftiehma fi Frar tal-2018 jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-migranti fis-Sahel, l-appoġġ tar-ritorni volontarji assistiti mil-Libja, ir-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti, l-evakwazzjoni u l-appoġġ tar-risistemazzjoni, kif ukoll ir-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jkunu qed jirritornaw mill-Etjopja.

Hu essenzjali li jibqa' għaddej ix-xogħol permezz tal-Fond Fiduċjarju. B'kollox, il-Fond Fiduċjarju issa approva 147 programm tul it-tliet twieqi tiegħu (tas-Saħel u tal-Lag taċ-Chad, il-Qarn tal-Afrika u l-Afrika ta' Fuq) għal total ta' EUR 2,5 biljun, b'kuntratti ffirmati għal ftit aktar minn EUR 1,5 biljun. Filwaqt li l-aktar prijorità urġenti matul l-2017 kienet it-tieqa tal-Afrika ta' Fuq, it-tkomplija tax-xogħol fuq it-twieqi l-oħra huwa wkoll ta' importanza kritika għal strateġija komprensiva. Il-lista ta' azzjonijiet futuri għat-**tieqa tas-Saħel u l-Lag taċ-Chad** hi stmata li tkun ta' EUR 775 miljun, li minnhm s'issa ngabru diġà EUR 201 miljun. Il-lista ta' azzjonijiet futuri għat-**tieqa tal-Qarn tal-Afrika** hi stmata li tkun ta' EUR 904 miljun identifikati f'termini ta' proġetti filwaqt li EUR 469 miljun[39] f'termini ta' riżorsi disponibbli. Dan jindika lakuna ta' finanzjament kombinata għaż-żewġ twieqi ta' madwar EUR 1 biljun għall-2018-2019. Il-proġetti fil-lista jiffukaw fuq l-appoġġ għad-djalogu dwar il-migrazzjoni, l-aċċess għas-servizzi bażiċi, il-protezzjoni u l-ħtiġijiet fit-tul tal-iżvilupp tar-refuġjati, il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali kif ukoll għar-riintegrazzjoni tal-migranti wara r-ritorn. Filwaqt li dawn iż-żewġ twieqi jibbażaw fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp kif ukoll il-baġit tal-UE, dan juri wkoll li l-pressjoni ta' finanzjamenti relatata mal-migrazzjoni tinħass fuq twieqi differenti tal-Fond Fiduċjarju, u li l-finanzjament disponibbli attwali u r-riżervi tal-UE mhux se jkunu biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati.

Fl-istess waqt, il-**Pjan ta' Investiment Estern** u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli tiegħu qajmu interess qawwi ħafna mill-istituzzjonijiet sħab. Ir-reazzjoni għall-ewwel sejħiet għal Proposti ta' Programmi ta' Investiment taħt l-ewwel żewġ twieqi ta' investiment "Enerġija Sostenibbli u l-Konnettività" u "Finanzjament ta' Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji" tal-Fond ta' Garanzija qabżet b'mod sinifikanti l-aspettattivi. Il-valur tal-ewwel proposti li waslu diġà jiżboq il-kapaċità attwali tal-Fond ta' Garanzija għal kull wieħed mill-ħames twieqi ta' investiment. Il-Fond ta' Garanzija attira wkoll l-interess minn partijiet terzi bħall-Bill and Melinda Gates Foundation (Il-Fondazzjoni Bill u Melinda Gates) li dan l-aħħar

[38] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja tas-17.7.2017 (dok. 11155/17).

[39] L-inklużjoni tar-riżorsi disponibbli bħalissa fl-EUTF għat-tieqa tal-Qarn tal-Afrika kif ukoll il-potenzjal ta' allokazzjoni ta' EUR 146 miljun fil-kuntest ta' eżerċizzju tar-rieżami ta' nofs it-terminu għar-reġjun.

ħabbret impenn li tikkontribwixxi USD 50 miljun. Xort se jkun hemm bżonn ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali biex tiġi indirizzata din id-domanda. L-appoġġ tal-UE għall-operazzjonijiet b'finanzjament imħallat fl-2017, li jkopru oqsma bħalma huma t-trasport, l-enerġija, l-ambjent, l-agrikoltura, l-iżvilupp urban u l-intrapriżi lokali, għandu jiżblokka total ta' madwar EUR 9,6 biljun ta' investiment pubbliku u privat, inklużi EUR 5,6 biljun fi 30 proġett kbir fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-konsegwenza hija li l-finanzjament taħt il-Pjan ta' Investiment Estern se jkollu jiġi kkunsidrat: Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal dan il-finanzjament se jkun essenzjali biex wieħed ilaħħaq mad-domanda li qed tikber.

Il-finanzjament huwa kruċjali biex jinżamm l-impatt fuq il-post. Pereżempju, l-appoġġ tal-UE lin-**Niġer** kien ċentrali għall-isforzi biex jitnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari li jinsabu fi tranżitu f'Agadez. In-numri naqsu minn 340 kuljum bħala medja fl-2016 għal 40-50 kuljum fl-2017. Twaqqfet u qed taħdem skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta biex issaħħaħ il-kapaċitajiet operazzjonali u ġudizzjarja u tal-pulizija tan-Niġer. Fl-2017 dan wassal għal 76 akkuża miġjuba quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku għal reati relatati mat-traffikar tal-bnedmin jew il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. Dan wassal ukoll għall-iżmantellar ta' 7 netwerks kriminali nazzjonali u 12 internazzjonali u l-konfiska ta' 29 vettura u 6 muturi. Qed jitnieda l-appoġġ biex jiġu replikati forom simili ta' kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali bejn Stati Membri tal-UE u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi permezz ta' sejħa ddedikata għal għotjiet li jindirizzaw ir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq. B'mod parallel, biex tipprovdi sorsi alternattivi ta' dħul għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, l-UE qed tipprovdi appoġġ għall-introjtu tal-komunitajiet lokali fit-Tramuntana tan-Niġer. Minn Novembru 2017 'l hawn, il-Missjoni ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Difiża "EUCAP Sahel Niger" wettqet żjarat regolari fuq il-post fir-reġjun biex tidentifika l-flussi migratorji irregolari, tanalizza x-xejriet u r-rotot, twettaq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, timplimenta proġetti, u tagħti taħriġ u tagħmir. Il-missjoni issa ġiet imsaħħa sabiex tirrinforza x-xogħol tagħha kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi u tal-armi. Dan ix-xogħol se jinġabar flimkien f'Konferenza Ministerjali li tiltaqa' fis-16 ta' Marzu mill-Gvern tar-Repubblika tan-Niġer, li tinvolvi l-pajjiżi tas-Saħel, l-UE u diversi Stati Membri.

L-UE, l-Unjoni Afrikana u l-G5 Saħel[40] ospitaw Konferenza Internazzjonali ta' livell għoli dwar is-sigurtà u l-iżvilupp fis-**Saħel** fi Brussell fit-23 ta' Frar 2018, li ġabet flimkien 32 Kap ta' Stat jew ta' Gvern mill-Unjoni Ewropea u l-G5 Saħel, flimkien man-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana u sħab numerużi oħrajn. Il-lenti kienet fuq l-istabbiltà u l-istabbilizzazzjoni taż-żoni periferiċi, transfruntiera u fraġli tas-Sahel. Wara l-appoġġ tal-UE għall-Forza Konġunta G5 Saħel b'EUR 50 miljun fl-2017 permezz tal-Faċilità Afrikana għall-Paċi, EUR 50 miljun ulterjuri ġew impenjati mill-UE fil-konferenza bħala għajnuna tax-xogħol kontra t-terroriżmu, id-drogi, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. Bħala riżultat tal-konferenza, ġie mwiegħed total ta' EUR 414-il miljun b'appoġġ għall-Forza Konġunta tal-G5 Saħel, li se tkompli tirċievi appoġġ addizzjonali wkoll minn tliet missjonijiet Komuni tas-Sigurtà u tad-Difiża fis-Saħel.

Ingħatat spinta wkoll il-ħidma biex jiġu indirizzati netwerks tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fil-**Qarn tal-Afrika** bl-iżvilupp u l-kontinwazzjoni tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika li ffinanzja ċ-Ċentru Operattiv Reġjonali għall-Proċess ta' Khartoum mmirati lejn it-titjib ta' investigazzjonijiet konġunti fost il-pajjiżi tal-Qarn tal-Afrika u lil

[40] Il-grupp tal-5 pajjiżi tas-Saħel jinkludi l-Burkina Faso, il-Mali, il-Mauritanja, in-Niġer u ċ-Chad.

hinn. Għaddejja ħidma biex titħejja l-infrastruttura, tiġi stabbilita l-bażi legali u jiġi identifikat il-persunal li għandu jaġixxi bħala punt fokali u uffiċjali ta' kollegament.

Id-Djalogu tal-Migrazzjoni bejn l-UE u l-**Eġittu** imniedi fil-Kajr f'Diċembru tal-2017 joffri l-possibbiltà li tinbena kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni aktar f'saħħitha u aktar strateġika bħala parti mill-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Eġittu 2017-2020. Ġie ffirmat proġett taħt il-programm ta' EUR 60 miljun miftiehem f'Ottubru tal-2017 u l-Kummissjoni Ewropea qed jaħdem b'mod attiv biex tinbeda l-implimentazzjoni. L-awtoritajiet Eġizzjani kienu wkoll involuti b'mod attiv fil-livell tekniku, u qed tiġi esplorata kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

It-Tuneżija fil-preżent hi waħda mill-pajjiżi ta' oriġini bl-akbar ammont ta' wasliet mir-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Ġie intensifikat id-djalogu u ġew imnedija mill-ġdid in-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u r-riammissjoni. It-Tuneżija tibbenefika minn firxa wiesgħa ta' programmi ta' kooperazzjoni reġjonali u bilaterali tal-UE, inklużi azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. Ġiet imnedija pjattaforma ta' kooperazzjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fit-22 ta' Frar biex tappoġġa kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet lokali fir-reġjun.

Fuq il-livell reġjonali, fi tmiem l-2017 ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja għall-Programmi ta' Żvilupp u Protezzjoni Reġjonali għall-Afrika ta' Fuq taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Dan il-Programm ikopri l-Libja, l-Eġittu, l-Alġerija, il-Marokk u t-Tuneżija, u jinkludi proġett implimentat mill-Aġenzija tar-Refuġjati tan-NU fil-Libja speċifikament maħsub biex itejjeb l-opportunitajiet ta' risistemazzjoni għal refuġjati vulnerabbli[41].

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent

Il-Marokk qed jagħmel sforzi biex jipprevjeni l-migrazzjoni irregolari billi jikkoopera fuq is-sorveljanza tal-fruntieri, b'mod partikolari ma' Spanja. Iż-żjara tal-Kummissarju Avramopoulos f'Rabat f'Novembru tal-2017 tat l-opportunità biex titnieda mill-ġdid il-kooperazzjoni bil-għan li jitħejja pakkett ta' għajnuna biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri. Dan għandu jkun ibbażat kemm fuq finanzjament diġà pprovdut mill-UE għall-appoġġ tal-politiki tal-migrazzjoni tal-Marokk (EUR 35 miljun allokati f'Diċembru 2017, bl-ewwel pagament żburżat immedjatament). Barra minn hekk, il-Fond Fiduċjarju tal-UE adotta programm ġdid (EUR 4,58 miljun) f'Diċembru 2017 biex issaħħaħ il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-migranti u r-refuġjati, il-persuni spostati u l-komunitajiet ospitanti fil-Marokk. Dan il-programm, li huwa parti mill-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Migrazzjoni tal-Marokk stess - se jgħin lill-atturi tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw kuxjenza tad-drittijiet tal-migranti u aċċess għal konsulenza legali u ser jippromwovu l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà Marokkina. Matul it-taħdidiet dwar il-migrazzjoni f'Novembru, il-Marokk qabel ukoll li jerġa' jiftaħ in-negozjati tal-Ftehim ta' Riammissjoni.

Fir-rigward tal-**Alġerija**, in-numru ta' migranti b'nazzjonalità Alġerina li jaslu b'mod irregolari fl-Ewropa żdied, għalkemm in-numri jibqgħu baxxi f'termini assoluti. L-Alġerija wkoll jibqa' pajjiż importanti ta' tranżitu għall-migranti irregolari li jippruvaw jaslu l-Marokk u l-Libja u punti reċenti ta' informazzjoni jindikaw bidla fir-rotot migratorji mill-Mali u n-

---

[41] Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għal kontribuzzjoni tal-RDPP tal-Afrika ta' Fuq taħt il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2016 huwa ta' EUR 7,5 miljun, li minnhom madwar EUR 1,2 miljun huwa relatat ma' attivitajiet li jridu jiġu implimentati fil-Libja. Dan huwa b'segwitu ta' għotja tal-RDPP għal proġetti fl-Afrika ta' Fuq taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Programm Annwali ta' Ħidma 2015 ta' EUR 10 miljun.

Niġer lejn l-Alġerija. Il-ħtieġa li jiġu intensifikati d-djalogu u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-mobilità ġiet imqajma fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ta' Diċembru 2017 u fit-28 ta' Frar sar ir-raba' djalogu informali dwar il-migrazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija. Għalissa, l-Alġerija qed tipparteċipa fil-programmi reġjonali dwar il-migrazzjoni (eż. programm ta' protezzjoni u ta' Żvilupp Reġjonali (RDPP) għall-Afrika ta' Fuq, Euromed Migration), iżda l-kooperazzjoni mal-UE għadha ma wasslitx għal proġetti jew azzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż iffinanzjati taħt il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika.

Il-passi li jmiss:

- Jiġu implimentati l-proġetti kollha li għadhom għaddejjin mal-Libja u tiġi żgurata l-kontinwità billi jsir ftehim dwar it-tieni fażi tagħhom meta jkun xieraq;
- Jitkompla x-xogħol mat-Task Force bejn l-UE, l-Unjoni Afrikana u n-Nazzjonijiet Uniti biex jgħinu lin-nies biex jitilqu mil-Libja u mal-awtoritajiet Libjani biex tiġi eliminata d-detenzjoni sistematika tal-migranti;
- L-Aġenzija tan-NU għar-Refuġjati u l-Istati Membri jkomplu bl-isforzi ta' evakwazzjoni u r-risistemazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza, bl-Istati Membri jimplimentaw b'urġenza r-risistemazzjonijiet;
- L-introduzzjoni ta' Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni f'pajjiżi ewlenin oħra;
- It-tisħiħ ta' kooperazzjoni effettiva mal-Marokk, it-Tuneżija u l-Alġerija b'mod parallel mal-isforzi kontinwi biex jiġu konklużi arranġamenti dwar ir-ritorn u r-riammissjoni;
- L-UE u l-Istati Membri b'mod konġunt jiżguraw li jkun hemm riżorsi adegwati għat-tliet twieqi tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika sabiex timtela kwalunkwe lakuna ta' finanzjament emerġenti.

4. IR-RITORN U R-RIAMMISSJONI

Inkisbet il-mira stabbilita fil-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni ta' Diċembru tal-2017 biex jintlaħaq ftehim ma' tliet pajjiżi sħab dwar l-arranġamenti **għar-ritorn u r-riammissjoni**. Wara l-ftehim dwar il-proċeduri operattivi standard għar-ritorn mal-Bangladesh, saru arranġamenti simili ma' żewġ pajjiżi ewlenin wieħed fl-Afrika sub-Saħarjana u wieħed fl-Afrika tal-Lvant. Dawn l-arranġamenti kollha qegħdin jiġu implimentati. Qed jiġu identifikati l-ostakli tekniċi u s-soluzzjonijiet rilevanti sabiex ikunu jistgħu jitħaffu l-passi prattiċi bħal missjonijiet ta' identifikazzjoni u l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn. Għaddejja ħidma biex jiġu konklużi diversi ftehimiet prattiċi ulterjuri jew ftehimiet sħaħ ta' riammissjoni ma' pajjiżi fl-Afrika Sub-Saħarjana, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u jiġu mmobilizzati l-ingranaġġi u l-għodod kollha kif meħtieġ.

Il-kooperazzjoni bilaterali f'dan il-qasam ġiet approfondita ma' pajjiżi fl-**Asja**. Il-migrazzjoni ġiet diskussa fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Afganistan fit-8 ta' Frar 2018, inkluża l-importanza ta' proċessi ta' ritorn b'kombinazzjoni effettiva mar-riintegrazzjoni. Il-proċeduri operattivi standard mal-Bangladesh qed jiġu applikati u sensiela ta' laqgħat wara l-ewwel Grupp ta' Ħidma Konġunt bejn l-UE u l-Bangladesh f'Diċembru 2017 għenu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' implimentazzjoni: il-proċess jinsab fit-triq it-tajba u r-ritorni qed isiru. Mal-Pakistan, sar progress tajjeb dwar it-twaqqif ta' pjattaforma elettronika biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet tal-ammissjoni mill-ġdid. Qed isiru kuntatti bil-ħsieb li jitħejja l-iżvilupp possibbli ta' djalogi dwar il-migrazzjoni mal-Iran u pajjiżi ewlenin oħra.

Dawn id-diskussjonijiet huma sostnuti b'appoġġ prattiku. Sa Diċembru 2017, kienu għadhom għaddejjin il-programmi kollha li jappoġġaw ir-**riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati** fl-Afganistan u l-Bangladesh skont il-miżura speċjali adottata mill-Kummissjoni. L-akbar programm ta' appoġġ għall-Afganistan (EUR 39 miljun) beda fi tmiem l-2017, inkluż għajnuna għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika għal dawk rimpatrijati u l-Persuni Spustati Internament u pjanijiet ta' azzjoni provinċjali għar-riintegrazzjoni. Sal-aħħar ta' Frar tal-2018, kienet ġiet ipprovduta assistenza għall-akkoljenza ta' wara l-wasla lil total ta' 406 persuni rimpatrijati fl-Afganistan, inkluż appoġġ mediku u psikosoċjali, trasport suċċessiv lejn id-destinazzjoni finali u akkomodazzjoni temporanja. Se jibdew dalwaqt l-attivitajiet tal-iżvilupp tal-Komunità. Dawn il-miżuri se jkunu msaħħa wkoll permezz ta' miżuri speċjali adottati f'Settembru tal-2017 ta' EUR 196 miljun biex jappoġġaw id-djalogi dwar il-migrazzjoni mal-Afganistan, il-Pakistan, l-Iran, l-Iraq u l-Bangladesh biex jiġu indirizzati l-isfidi fuq medda qasira, medja u fit-tul ta' żmien li jippreżentaw l-ispostament sfurzat akut u l-migrazzjoni fl-Asja u fil-Lvant Nofsani.

In-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehimiet dwar ir-riammissjoni komplew ukoll mat-**Tuneżija** (it-tieni ċiklu sar fit-28 ta' Novembru 2017, it-tielet rawnd huwa skedat għal April) u ċ-**Ċina** (l-ewwel ċiklu). Matul it-taħdidiet dwar il-migrazzjoni f'Novembru tal-2017 il-Marokk qabel ukoll li jerġa' jiftaħ in-negozjati tal-Ftehim ta' Riammissjoni, għal dawn l-aħħar tliet snin. Il-Kummissjoni għandha wkoll mandat biex tinnegozja ftehim ta' riammissjoni mal-**Alġerija** mill-2002 iżda n-negozjati ma mxewx 'il quddiem fil-livelli kollha.

Għadd dejjem jikber ta' operazzjonijiet ta' ritorn ġew appoġġati mill-**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**. Sa minn nofs Ottubru tal-2017, seħħew 135 operazzjoni ta' ritorn appoġġati mill-Aġenzija li jkopru kważi 5 000 ruħ. Il-pajjiżi ewlenin involuti kienu fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll it-Tuneżija, il-Georgia u l-Pakistan, filwaqt li l-akbar numru ta' operazzjonijiet involvew il-Ġermanja, l-Italja, Franza, il-Belġju u l-Awstrija.[42] L-appoġġ tal-Aġenzija għall-operazzjonijiet ta' ritorn tal-Istati Membri se jkomplu jiġu msaħħa aktar. Ix-xogħol tal-Aġenzija jinkludi l-immappjar tal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri dwar ir-ritorn, l-iskjerament ta' uffiċjali ta' kollegament fl-Istati Membri, u l-bidu tal-operazzjonijiet ta' ritorn mill-Aġenzija nnifisha. F'Jannar tal-2018 saret laqgħa ta' livell għoli dwar ir-ritorn mal-Istati Membri biex jiġi inkoraġġit l-użu sħiħ ta' dawn l-opzjonijiet. B'mod parallel, il-Kummissjoni appoġġat l-inizjattiva ddedikata tal-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ Ewropew għar-ritorn u r-riintegrazzjoni permezz tan-Netwerk Ewropew għar-Ritorn u r-Riintegrazzjoni, inkluż appoġġ finanzjarju ta' EUR 15-il miljun. In-netwerk se jkun kompletament operattiv sa mis-sajf tal-2018, immexxi min-Netherlands bil-parteċipazzjoni ta' 13-il Stat Membru ieħor u żewġ pajjiżi assoċjati. Dan ix-xogħol jeħtieġ li jkompli jilħaq il-miri previsti fil-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni ta' Diċembru tal-2017.

Barra minn hekk, il-proġetti eżistenti dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni bħalma huma l-Inizjattiva Ewropea tal-Ġestjoni Integrata tar-Ritorn u għan-netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament Ewropej għar-ritorn reċentement ġew rinfurzati b'finanzjament addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jirrispondu għal domanda ogħla. L-informazzjoni statistika preċiża u rapida tista' taqdi rwol importanti fit-trawwim ta' progress fil-ġestjoni tar-ritorn u r-riammissjoni. Għad hemm lakuni importanti u dewmien fil-forniment ta' tali **statistika** mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra li temenda r-regoli tal-UE dwar il-ġbir u r-

[42] Perjodu tar-rappurtar 16.10.2017-07.03.2018; dejta minn *Applikazzjonijiet ta' Frontex għar-Ritorn*.

regolarità tal-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, biex tiżgura ħarsa ġenerali komprensiva u tindirizza xi lakuni li ġew identifikati.

Fil-kuntest tal-proposta tagħha li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi, il-Kummissjoni llum qed tipproponi li jissaħħaħ l-użu tal-politika dwar il-viżi bħala għodda biex jinkiseb progress fil-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE. Se jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aktar stretti għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża għal ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex tal-UE li ma jikkooperawx b'mod sodisfaċenti dwar ir-ritorn u r-riammissjoni.

Il-passi li jmiss:

- Il-progress fin-negozjati li għaddejjin dwar ftehim ta' riammissjoni u l-arranġamenti ta' ritorn ma' pajjiżi sħab;
- Użu sħiħ mill-Istati Membri ta' arranġamenti li ġew miftiehma dan l-aħħar dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, jiżdied l-għadd ta' applikazzjonijiet ta' riammissjoni lejn il-pajjiżi kkonċernati;
- Jitjieb il-forniment ta' informazzjoni statistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali;
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jipproċedu malajr fin-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi.

5. ĠESTJONI MSAĦĦA TAL-FRUNTIERI ESTERNI

Il-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni hija parti mill-pjan direzzjonali ta' Diċembru tal-2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta għadha qed tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' operazzjonijiet konġunti bejn ir-rotot migratorji prinċipali fil-Mediterran tal-Punent, Ċentrali u tal-Lvant u r-rotta tal-Balkani tal-Punent, bl-iskjerament ta' aktar minn 1 350 gwardjan tal-fruntiera u persunal ieħor.

Ġew identifikati lakuni serji fil-wegħdiet għall- attivitajiet operattivi tal-2018. Il-wegħdiet li saru jkopru biss 49 % ta' esperti u 44 % ta' assi tekniċi għal attivitajiet fuq l-art. Għall-operazzjonijiet tal-fruntieri tal-baħar, ġew ipprovduti 85 % tal-esperti iżda 51 % biss tal-assi tekniċi. B'dawn in-nuqqasijiet konsiderevoli hemm riskju li tiġi limitata serjament l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati għall-2018. L-Aġenzija dalwaqt se torganizza laqgħa ta' livell għoli mal-Istati Membri u l-Kummissjoni biex itejbu l-proċess tad-donaturi.

Il-kapaċità permanenti tar-**Riżerva ta' Reazzjoni Rapida** obbligatorja nkisbet kważi kollha, b'27 Stat Membru jinnominaw il-gwardji tal-fruntiera tagħhom, li jammontaw għal 99 % tal-kompożizzjoni tar-riżerva meħtieġa (1 481 minn 1 500 uffiċjal).

B'xorti ħażina, filwaqt li xi wegħdiet addizzjonali ġew ikkonfermati, ma sar l-ebda progress sinifikanti fuq ir-**Riżerva ta' Tagħmir għal Reazzjoni Rapida. Il-finanzjament tal-UE** jibqa' disponibbli għal tagħmir li għandu mbagħad jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Aġenzija. Flimkien mal-EUR 208 miljun li saru disponibbli fl-2015 u fl-2017, il-Kummissjoni tikkunsidra aktar allokazzjonijiet ta' riżorsi li jistgħu jsiru fl-2018 għall-Istati Membri f'dan ir-rigward. Madankollu, l-Istati Membri issa għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-finanzjament allokat fil-passat, b'tali mod li dawn l-assi jistgħu jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti biex jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti.

Qasam ewlieni tal-ħidma tal-Aġenzija huwa l-iżvilupp ta' **valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà** sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fil-kontrolli tal-fruntieri tal-Istati Membri. S'issa, minn 37 rakkomandazzjoni li saru fl-2017, sitta biss ġew irrappurtati bħala kompluti. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati fl-2017, u l-Aġenzija għandha tqiegħed fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. L-Aġenzija bħalissa qed twettaq iċ-ċiklu tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-2018.

Ir-Regolament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta[43] jiddefinixxi l-kunċett tal-**Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea** u jirrikjedi li l-Aġenzija tistabbilixxi strateġija teknika u operazzjonali għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea. Għal dan il-għan, matul l-2017[44] il-Kummissjoni organizzat laqgħat iddedikati mal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri; dawn ikkontribwew fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-elementi prinċipali għall-iżvilupp ta' Strateġija ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea. Bħala l-pass li jmiss f'dan il-proċess, l-elementi ewlenin għall-iżvilupp ta' Strateġija ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea stabbiliti fl-Anness 6 m'għandhomx iservu biss bħala gwida għat-tħejjija ta' strateġija teknika u operazzjonali għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-istrateġiji nazzjonali mill-Istati Membri, iżda jipprovdu wkoll aktar input dwar xenarji possibbli għall-iżvilupp futur ta' Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur[45]. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha taħdem biex tistabbilixxi strateġija teknika u operazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali issa għandhom jibdew jabbozzaw l-istrateġiji nazzjonali korrispondenti tagħhom għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri.

F'dawn l-aħħar xhur, l-UE avvanzat il-ħidma tagħha fuq żewġ **sistemi ġodda tal-IT** fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. L-ewwel, f'Diċembru tal-2017, daħal fis-seħħ ir-Regolament tas-Sistema tad-Dħul/Ħruġ, u l-Kummissjoni tistenna li dan ikun kompletament operazzjonali fi tmiem l-2020. It-tieni, in-negozjati interistituzzjonali huma avvanzati sew biex tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, li se tippermetti l-avvanz tas-sigurtà, valutazzjonijiet tal-migrazzjoni irregolari u tas-saħħa pubblika minn qabel ta' vjaġġaturi li jidħlu mingħajr viża fiż-żona Schengen. Dan jippermetti li s-sistema tkun operattiva ftit wara d-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Fl-istess ħin, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed javvanzaw fuq id-diskussjonijiet dwar l-interoperabbiltà ta' sistemi ewlenin għall-fruntieri u s-sigurtà.

Il-passi li jmiss:

- L-Istati Membri rilevanti biex isir segwitu malajr u bis-sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet li saru fi ħdan l-eżerċizzju tal-Valutazzjonijiet ta' Vulnerabbiltà tal-2017;
- L-Istati Membri mingħajr dewmien jimlew il-lakuni tal-wegħdiet tad-donazzjonijiet għall-attivitajiet operazzjonali ppjanati għall-2018 ikkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-fruntieri esterni tal-UE;
- Fuq il-bażi tal-elementi ewlenin stipulati fl-Anness 6, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fix-xhur li ġejjin tistabbilixxi strateġija teknika u operazzjonali

[43] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016

[44] It-tielet Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill dwar l-Operazzjonalizzazzjoni tal-Fruntiera u l-Gwardja tal-Kosta Ewropea, COM(2017) 219 final tat-2.5.2017.

[45] Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li jwassal b'mod effiċjenti l-prijoritajiet tagħha wara l-2020, COM(2018) 98 final, 14.2.2018.

għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea u l-Istati Membri jiżguraw li jinsabu fis-seħħ strateġiji nazzjonali korrispondenti.

6. RILOKAZZJONI, RISISTEMAZZJONI U MEZZI LEGALI

Ir-**rilokazzjoni** tal-applikanti eliġibbli mill-Istati Membri kienet kontribut siewi ħafna biex tgħin lil dawk li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u sabiex tittaffa l-pressjoni minn fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri li jilqgħu għadd kbir ta' refuġjati. Aktar minn sentejn wara, l-iskema ta' rilokazzjoni tal-UE wriet li hi suċċess, billi għenet lir-refuġjati jibdew ħajja ġdida u sabiex jiġi żgurat li r-responsabbiltà tiġi kondiviża aħjar fost l-Istati Membri —'il fuq minn 96 % tal-applikanti eliġibbli kollha rreġistrati għar-rilokazzjoni mill-Italja u l-Greċja ġew rilokati. Il-Kummissjoni fakkret ripetutament lill-Istati Membri dwar l-obbligi legali tagħhom u talbet lil dawk l-Istati Membri li għad iridu jieħdu sehem fir-rilokazzjoni, biex jagħmlu dan minnufih. Il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur f'Lulju tal-2016 u fis-7 ta' Diċembru tal-2017 iddeċidiet li tirreferi lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija u lill-Polonja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, peress li t-tliet Stati Membri għadhom qed jiksru l-obbligi legali tagħhom.

Ir-risistemazzjoni tippermetti lill-UE u l-Istati Membri tagħha li jissodisfaw il-ħtieġa essenzjali biex tingħata għajnuna lil dawk li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u jitnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari. Mit-22 504 risistemazzjonijiet miftiehma fl-2015[46], aktar minn 86 % tlestew sat-8 ta' Diċembru 2017 meta l-għajnuna finanzjarja għal din l-iskema kienet se tiskadi. 19 432 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, l-aktar mit-Turkija, mill-Ġordan u mil-Libanu, iżda wkoll minn pajjiżi terzi oħra, ġew risistemati f'21 Stat Membru u erba' Stati Assoċjati[47].

Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 2017[48], l-iskema l-ġdida għal mill-inqas 50 000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li għandhom jiġu risistemati sal-31 ta' Ottubru 2019, b'sostenn ta' EUR 500 miljun mill-baġit tal-UE, se tagħti spinta lil sforzi tal-UE għar-risistemazzjoni. Ir-reazzjoni tal-Istati Membri għar-Rakkomandazzjoni kienet pożittiva, bi kważi 40 000 wegħda li waslu s'issa minn 19-il Stat Membru[49], li jagħmlu l-ikbar impenn kollettiv tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar ir-risistemazzjoni sal-lum. Fil-mument, għandha tingħata attenzjoni partikolari fuq ir-risistemazzjoni minn reġjuni ta' prijorità bħalma huma t-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu u pajjiżi Afrikani tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali. B'mod partikolari, l-Istati Membri indikaw aktar minn 27 000 wegħda għar-risistemazzjoni ta' Sirjani mit-Turkija, il-Ġordan u l-Libanu u madwar 7 000 risistemati minn pajjiżi tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Għaxar Stati Membri diġà rrisistemaw 1 855 persuna taħt din l-iskema l-ġdida ta' risistemazzjoni tal-UE[50]. Il-Kummissjoni tistieden lill-

[46] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ("dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali ta' 20 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali") ta' 20.7.2015, dokument 11130/15.

[47] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, il-Kroazja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, il-Finlandja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

[48] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27.9.2017 dwar it-titjib ta' mezzi legali ta' dħul għall-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali; C(2017)6504

[49] Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, i-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

[50] Minkejja li mhijiex parti għall-iskema tal-UE dwar ir-risistemazzjoni, in-Norveġja matul l-istess perjodu irrisistemat 714-il refuġjat. Il-kwota nazzjonali tan-Norveġja għall-2018 tikkonsisti f'2 120 post.

bqija tal-Istati Membri jissottomettu l-wegħdiet tagħhom sabiex tintlaħaq il-mira stabbilita ta' 50 000.

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jimplimentaw 50 % tal-wegħdiet li saru minn Ottubru, il-mira stabbilita fil-Pjan Direzzjonali ta' Diċembru. Għandha ssir risistemazzjoni tal-wegħdiet għar-reġjuni kollha ta' prijorità b'enfasi urġenti fuq ir-risistemazzjoni tal-persuni evakwati mil-Libja lejn in-Niġer permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza.

L-għadd totali ta' persuni risistemati skont l-iskemi ta' risistemazzjoni fl-UE kollha sa mit-tnedija tagħhom, inklużi s-Sirjani li ġew risistemati mit-Turkija skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija, huwa ta' 29 314.

Qed jiġu żviluppati **proġetti pilota tal-migrazzjoni legali** mill-Kummissjoni u diversi Stati Membri li esprimew interess li jinkludu skemi temporanji ta' migrazzjoni kif ukoll dawk fit-tul, ibbażati fuq il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-offerti fi Stati Membri u pajjiżi terzi magħżula. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex jagħmlu offerti konkreti bil-ħsieb li jinbdew diskussjonijiet ma' pajjiżi terzi magħżula, b'enfasi ġeografika fuq pajjiżi Afrikani.

Dwar il-proposta tal-**Karta Blu tal-UE**, l-isforzi biex jinstab kompromess li jġib valur reali miżjud fl-ilħuq tal-objettiv kondiviż tal-attrazzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet għolja għandhom ikomplu fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Biex tiġi promossa iktar l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol il-Kummissjoni u s-sħab Soċjali u Ekonomiċi Ewropej iffirmaw Sħubija għall-**Integrazzjoni**[51] f'Diċembru tal-2017. Is-sħubija tistabbilixxi l-prinċipji ewlenin u l-impenji tal-Kummissjoni u tas-Sħab Ekonomiċi u Soċjali Ewropej rispettivi biex jappoġġaw u jsaħħu l-opportunitajiet għal refuġjati u migranti li jgħixu b'mod legali fl-UE biex jintegraw fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinvolvi lis-sħab soċjali u ekonomiċi f'attivitajiet ta' tagħlim reċiproku f'dan il-qasam. Bħala waħda mill-azzjonijiet tal-Kummissjoni, is-Sħubija hija dimostrazzjoni tal-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi[52]. L-editur online tal-ħiliet issa huwa disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE kif ukoll fil-lingwi ewlenin tal-pajjiżi emittenti[53]. Dan jgħin fit-tfassil tal-ħiliet u l-lakuni fil-ħiliet tal-individwu, biex tiġi megħjuna l-gwida tas-suq tax-xogħol lejn integrazzjoni li tirnexxi. Fi tmiem l-2018 se jsir eżerċizzju ta' rendikont sabiex jitkejjel il-progress miksub.

Fl-24 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni nediet "Sett ta' għodod għall-użu ta' fondi tal-UE għall-integrazzjoni ta' persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni"[54] biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex jużaw aħjar il-fondi tal-UE fl-implimentazzjoni tal-politika tagħhom ta' integrazzjoni, speċjalment fl-oqsma ta' akkoljenza, edukazzjoni, impjiegi, akkomodazzjoni u aċċess għas-servizzi pubbliċi.

Il-passi li jmiss:

- Filwaqt li jitlestew il-wegħdiet nieqsa ta' risistemazzjoni biex tintlaħaq il-mira ta' mill-anqas 50 000 wegħda skont l-iskema l-ġdida, l-Istati Membri jridu jirrisistemaw malajr minn reġjuni ta' prijorità. Ir-risistemazzjoni ta' persuni evakwati mil-Libja lejn in-Niġer

[51] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-5352_mt.htm
[52] L-Għodda tal-UE Għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini Ta' Pajjiżi Terzi hi disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/migrantskills/#/
[53] Din tinkludi l-Għarbi, il-Farsi il-Pashto, is-Sorani, is-Somalu, it-Tigrinya u t-Tork.
[54] http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/guides/2018/toolkit-on-the-use-of-eu-funds-for-the-integration-of-people-with-a-migrant-backgound.

hija partikolarment urġenti;

- L-Istati Membri jridu jagħmlu offerti konkreti bil-ħsieb li jinbdew diskussjonijiet ma' pajjiżi terzi magħżula għall-proġetti pilota fuq il-migrazzjoni legali.

7. KONKLUŻJONIJIET U PASSI LI JMISS

F'Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni stabbilixxiet pjan direzzjonali dwar kif jintlaħaq ftehim dwar pakkett dwar il-migrazzjoni komprensiv sa Ġunju 2018. Il-bini ta' qafas b'saħħtu u komprensiv tas-sistema tal-asil tal-UE tibqa' importanti bħal dejjem — waħda li tkun reżiljenti għal kriżijiet futuri, u fejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà huma fil-qalba tagħha. Dan jissottolinja l-ħtieġa għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li tkun miftiehma u implimentata, u biex jinżamm il-momentum biex jiġu implimentati l-passi deskritti f'Diċembru.

Dan ir-rapport juri l-varjetà wiesgħa ta' azzjonijiet appoġġati kemm mill-baġit tal-UE kif ukoll dawk tal-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-aspetti kollha tal-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni. Dan il-finanzjament kien essenzjali biex iġġib għajnuna reali lil miljuni ta' refuġjati fit-Turkija, biex il-migrazzjoni tiġi ġestita minn u fi ħdan il-Libja u biex issir ħidma ma' msieħba madwar id-dinja fuq l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u t-tisħiħ tas-sistemi nazzjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Jekk wieħed iħares 'il quddiem, ninnutaw li l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li jintużaw mill-UE, li diġà qed tuża sal-massimu l-flessibbiltà tal-baġit tagħha, bħala parti mill-politika dwar il-migrazzjoni esterna jeħtieġ li tkompli u tirrikjedi finanzjament adegwat. Dan għandu jinkludi taħlita ta' finanzjament mill-baġit tal-UE u kontribuzzjonijiet mill-baġits tal-Istati Membri; sħubija fil-finanzjament hija prekundizzjoni għal sħubija fil-governanza.

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha issa huma ffaċċjati mill-akbar urġenza bil-ħtieġa li jiġi ffinanzjat it-tieni ħlas parzjali tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, għal ammont globali ta' EUR 3 biljuni. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni li l-Kummissjoni llum qed tipproponi ta' EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE diġà se tmur ferm lil hinn mill-marġni disponibbli tal-intestatura tal-baġit tal-azzjoni esterna. Kontribuzzjoni ogħla mill-baġit tal-Unjoni se xxekkel l-abilità kontinwa tal-Unjoni li tiffinanzja b'mod effettiv programmi oħra relatati mal-migrazzjoni, u b'mod aktar ġenerali biex twieġeb għal prijoritajiet oħra tal-politika esterna fil-futur. F'dan ir-rigward, ir-rapport jenfasizza l-lakuni fil-finanzjament għat-tieqa tal-Afrika ta' Fuq tal-Fond Fiduċjarju tal-UE, iżda wkoll għat-twieqi tas-Saħel u tal-Lag taċ-Chad u l-Qarn tal-Afrika li se jirrikjedu aktar finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġi mmobilizzat fix-xhur li ġejjin; il-ħtieġa li jiġi appoġġat ix-xogħol wara l-Konferenza dwar is-Sirja li f'April tal-2017; u l-ħtieġa għal rispons għal talba qawwija għal finanzjament ta' proġetti taħt il-Pjan ta' Investiment Estern.

Bħala konklużjoni, il-ftehim dwar it-tieni porzjon tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija fuq l-istess bażi tal-ewwel porzjon, se jkun dimostrazzjoni kruċjali li l-Istati Membri qed jaħdmu fi sħubija mal-UE u jibqgħu determinati biex jaraw li tidħol fis-seħħ sistema robusta u effettiva tal-UE dwar il-migrazzjoni.